

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 505/2014**tal-15 ta' Mejju 2014**

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kuluri tal-karamella (E 150a-d) fil-birra u fix-xarbiet tax-xgħir

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel approvati għall-użu fl-ikel, u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.
- (2) Din il-lista tista' tīgi emendata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li ssir talba għal dan.
- (3) Il-kuluri tal-karamella huma kuluri tal-ikel li fil-preżent huma approvati għall-użu u elenkti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008. Din l-approvazzjoni tikkunsidra d-Dożi Aċċettabbi ta' Kuljum (ADI) stabbiliti mill-Kunitat Xjentifiku tal-ikel fl-1987, 1990 u 1996.
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-ikel ("l-Awtorità") tat opinjoni fit-3 ta' Frar 2011 fir-rigward tar-rievalwazzjoni tas-sikurezza tal-kuluri tal-karamella bħala addittivi tal-ikel (³). F'din l-opinjoni l-Awtorità stabbiliert grupp ADI ta' 300 mg/kg piżi tal-ġisem/kuljum. F'dan il-grupp ADI, għet stabbilita ADI individwali ta' 100 mg/kg piżi tal-ġisem/kuljum għal E 150c karamella tal-ammonja. L-Awtorità kkonkludiet li l-esponiment antiċipat fid-dieta tat-tfal u tal-adulti jista' jaqbeż l-ADIIs għall-karamella ordinarja (E 150a), karamella tal-ammonja (E 150c) u karamella tal-ammonja tas-sulfit (E 150d).
- (5) Fit-3 ta' Diċembru 2012, l-Awtorità ħarġet dikjarazzjoni fejn fiha pprovdiet valutazzjoni aktar fil-fond dwar l-esponiment għall-kuluri tal-karamella E 150a, E 150c u E 150d u kkonkludiet li l-esponiment antiċipat fid-dieta kien konsiderevolment inqas minn dak stmat fl-opinjoni preċedenti (⁴). Madankollu, l-Awtorità kkonkludiet li t-trabi li telqu jixmu u l-adulti xorta waħda setgħu jaqbiż l-ADI għall-karamella tal-ammonja (E 150c). Filwaqt li l-ADI nqabeż biss fi ftit (6 %) fil-livelli għolja fi trabi li telqu jixmu fi Stat Membru wieħed, fl-adulti, l-ADI nqabeż b'5-51 % fħames Stati Membri. Wara li kkunsidraw l-informazzjoni nazzjonali aktar fid-dettall dwar l-użi reali tal-karamella tal-ammonja (E 150c), l-Istati Membri kkonċernati wrew li l-konsum attwali huwa inqas b'mod sini-fikanti. Madankollu, peress li l-birra hija l-kontributur ewlieni tal-esponiment fl-adulti, huwa xieraq li l-kundizzjonijiet tal-użu jiġu emendati u jiġu stabbiliti l-livelli massimi tal-użu għall-karamella tal-ammonja (E 150c) fis-sub-kategorija tal-ikel 14.2.1 "Birra u xarbiet tax-xgħir" sabiex jiġi għarantit livell għoli ta' ġarsien tas-saħħa tal-bnie-diem.
- (6) Skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, il-livelli massimi għall-kuluri għandhom japplikaw għall-kwantitatjet tal-prinċipju koloranti li jinsabu fil-preparazzjoni koloranti sakemm ma jkunx iddikjarat mod ieħor. Madankollu, huwa diffiċċi li jiġi identifikati l-kuluri tal-karamella fil-prodotti tal-ikel minħabba n-natura kumplessa u l-għarfien limitat tal-kompożizzjoni kimika tagħhom. Għaldaqstant, huma u jwettqu l-kontrolli uffiċċiali, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jaħsbu biex jivverifikasi ukoll il-livell ta' 2-acetyl- 4-tetraidrossi-butilimidażol, jiġifieri l-impurità li tista' tīgi ddeterminata b'mod analtiku u li għet ikkunsidrata meta għet stabbilita ADI individwali għall-karamella tal-ammonja (E 150c).

(¹) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16.

(²) Ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1).

(³) EFSA Journal 2011; 9(3):2004.

(⁴) EFSA Journal 2012; 10(12):3030.

- (7) Fl-4 ta' Ġunju 2013 saret applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-użu tal-kuluri tal-karamella (E 150a-d) fix-xarbiet tax-xgħir u din saret disponibbli għall-Istati Membri, skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008.
- (8) Il-birra mhijiex definita fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u d-definizzjonijiet nazzjonali jvarjaw fost l-Istati Membri. Konsegwentement, prodott partikolari kklassifikat bħala birra fi Stat Membru wieħed ji sta' jkun ikklassifikat bħala xarba tax-xgħir fi Stat Membru ieħor. Billi hemm bżonn teknoloġiku għall-kuluri tal-karamella (E 150a-d) fix-xarbiet tax-xgħir u l-użu tal-kuluri tal-karamella huwa awtorizzat biss fil-birra, is-sitwazzjoni attwali għandha impatt negativ fuq is-suq intern u qed tfixkel il-moviment ħieles ta' dawn il-prodotti. Għaldaqstant, huwa xieraq li din is-sitwazzjoni titranġa.
- (9) Il-karatteristika komuni tax-xarbiet tax-xgħir hija n-nuqqas tax-xgħir bħala tali fil-prodott finali u s-similaritajiet li hemm mal-birer f'dak li jikkonċerna t-teknoloġija u l-bżonn tal-addittivi tal-ikel. Hemm bżonn li l-kuluri tal-karamella jerġgħu jīġi lura kulur konsistenti liema ġie affettwat mill-proċessi tal-produzzjoni, u/jew jgħinu biex ix-xarbiet tax-xgħir magħmul minn xgħir jiġibdu aktar l'għajnejn. Ix-xgħir inkaljat ma jistax jintuża biex jipprovd il-kulur skur minħabba li dan jaġhti toħġma qawwija li mhijiex adegwata għal dawn il-prodotti.
- (10) Ix-xarbiet tax-xgħir huma prodotti niċċa li jipprovd alternattiva għall-prodotti li fihom l-użu tal-kuluri huwa fil-preżent awtorizzat (jiġifieri birer u xarbiet aromatizzanti). Għaldaqstant, mhuwiex mistenni li l-awtorizzazzjoni tal-użu tal-kuluri tal-karamella fix-xarbiet tax-xgħir ikollha impatt sinifikanti fuq l-esponenti totali għall-kuluri tal-karamella.
- (11) Skont l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, il-Kummissjoni għandha titlob l-opinjoni tal-Awtoritāt biex taġġonna l-lista tal-Unjoni tal-addittivi tal-ikel stipulata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, ħlief meta tali aġġornament ma jkunx mistenni jħalli effett fuq is-saħħha tal-bniedem. Billi l-estensjoni tal-użu tal-kuluri tal-karamella (E 150a-d) fix-xarbiet tax-xgħir tikkostitwixxi aġġornament ta' dik il-lista li x'aktarx ma tħallix effett fuq is-saħħha tal-bniedem, mhux meħtieġ li titfittex l-opinjoni tal-Awtoritāt.
- (12) Għaldaqstant, l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 għandu jiġi emendat kif xieraq.
- (13) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħha tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-sejjh fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Mejju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNESS

Fil-Parti E tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008, fis-subkategorija tal-ikel 14.2.1 "Birra u xarbiet tax-xgħir", l-annotazzjoni għal E 150a-d hija sostitwita b'dan li ġej:

	"E 150a,b,d	Karamella ordinarja, karamella tas-sulfit kawstiku u karamella tal-ammonja tas-sulfit	quantum satis		
	E 150c	Karamella tal-ammonja	6 000		
	E 150c	Karamella tal-ammonja	9 500		'Bière de table/Tafelbier/Table beer' (b'kontenut oriġinali ta' estratt tax-xgħir inqas minn 6 %) biss; Brown ale, porter, stout u old ale"